# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**60.** | **23 ta' OTTUBRU 1909.** | **IT-TIENI SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**




# Industriji Maltin.

Ŭaħda m'il ħŭejjeġ li ili ħafna nixtiek nara tinbet f'Malta u li naħseb li tista tcun ta' gid cbir għal pajjis hi Fabbrica ta'l Medicini bħal daŭc li hemm bosta minnhom f'pajjisi oħra. Malta għal dan għandha żeŭġ vantaġġi cbar ħafna u ma nafx għala ma għandhiex tiftaħ ftit għajnejha u tmidd għonkha għalihom. L-eŭŭel vantaġġ hu l-art u it-tieni hu il post fejn tinsab.

L-art ta' Malta hi vantaġġjusa għal medicini għaliex biċċa cbira m'il ħxejjex li jieħdu minnhom il medicini jicbru fi clima sħun jeŭ fietel bħal dac ta' Malta u għaldakstant meta il ħaxixa ticber f'il pajjis stess il medicina tista tcun aħjar u tista timbiegħ ŭisk orħos. Jiena ma hemmx bżonn li nokgħod insemmi ŭaħda ŭaħda il ħxejjex li jicbru jeŭ li jistgħu jicbru f'pajjisna u li minnhom jistgħu jittieħdu medicini m'il aħjar, biss irrid nistaksi għala certi estratti u certi tinturi ta' ħxejjex li jicbru b'ir-rimi haŭn Malta għandhom jiġu m'il Germanja jeŭ m'il Inghilterra b'il ħlas ta' ħafna trasporti. L-Italja u Skallija stess għandhom illum fabbrichi cbar ta' medicini u għalhecc ma nafx għala meta aħna tista tgħid art ŭaħda ma għandhiex nagħmlu dac li jagħmlu huma.

Bħal ma naħseb li jecc ijsiru l-essenzi u iż-żjut f'Malta ma jcun jicsirhom ħadd, hecc ucoll naħseb li jistgħu jsiru estratti ta' ħafna ħxejjex li jcunu jistgħu jħabbtuha ma daŭc ta' l-aħjar pajjisi. Mela jecc ma nistgħux nagħmlu collox, nippruvaŭ nagħmlu dac li l-art tagħna tatina u okogħdu sguri li f'dina il ħaġa aħna kiegħdin ŭisk aħjar milli kiegħdin l-Inghilterra u il Germanja li biex jaħdmu il medicini jridu jgibu tista tgħid collox minn Barra.

Il post li fih kiegħda Malta imbagħad hu ta' vantaġġ cbir għalina. Fi Lvant collu, bl'Indja, bl-Egittu sa'ċ-Cina u il Ġappun ftit li xejn ma jsiru medicini. Daŭna l-actar li jsiru hu fl-Inghilterra, f'il Germanja u fi Franza, pajjisi collha ŭisk actar bogħod m'il Lvant minnna; u għalhecc chiecu chellna il ħila natu medicini tajbin bħal daŭc ta'l Inghilterra u ta'l Germanja conna incunu nistgħu natuhom b'orħos ħafna billi jiffrancaŭ minn fuk it-tragitt tagħhom.

Dina il biċċa studju hemm bżonn li jidħol għaliha xi ħadd seŭŭa u jara liema ħxejjex medicinali joctru f'Malta u chif jakbel li ŭieħed jieħu l-estratti, iż-żjut, l-essenzi u it-tinturi minnhom biex b'hecc m'hux biss ŭieħed ijcun jista jforni il pajjis għal bżonnijiet tiegħu bla tnicchir u bla trasporti iżda li ncunu nistgħu ucoll infornu lil Lvant meta jcollu bżonn ħŭejjeġ b'il għaġla u b'irħis.

Tasseŭ li il gżira hi żgħira u ma tistax tati ħŭejjeġ cbar iżda l-*elaterju* li jsir m'il fakkus-il-ħmir dejjem s'issa imbagħat minn Malta; bħalma minn haŭn joħorġu tgħabi ta' camumilla għal Germanja u jittalbu dejjem iżjed. Minn Malta ħareġ s'issa dejjem il chemmun li hu imfaħħar f'il Farmacopei collha u li minnu f'il Germanja jagħmlu dac ix-xorb tant tajjeb u imfittex li jsejjħulu « Kummel. » Dana juri li lil Barra nistgħu natuh xi ħaġa milli ma għandux. Għala mela ma nfittxux incattru dac li ġa għandna u innisslu ħuejjeġ ġodda?

Ftacru li cull lakxa tirfed l-imramma u li mitt industrija żgħar jistgħu jimleŭ b'il gid u b'ir-risk lil pajjis.

# FRAC.

Il Patrijiet ta' S. Frangisc ta' Putirjal d'is-sena għamlu festi sbiħ biex faccru is-Seba Centinarju ta' meta il cbir Patriarca ŭakkaf f'Rivotortu l-Ordni Frangiscan li minnu ħarġu tant kaddisin cbar u nies għorrief. Il poplu għamel ŭisk għal daŭn il festi u il Cnisja chienet tgħaxxkec tasseŭ. Faħħru ħafna iż-żeŭġ predichi li għamlu b'it-taljan Mons: Farrugia u Mons: Gaŭci; chif ucoll il panigiricu li niseġ l-intelligenti ex-Provinċjal ta'l Agostinjani, il Patri Majjistru L. Muscat. Il panigircu b'il malti li għamel il Prof: Emm: Vassallo saħħar il cullħadd.

F'dina il festa sabiħa dakkeŭ il baned *La Vallette, King's Own* u *San Giuseppe* ħafna programmi sbiħ u l-illuminazjoni elettrica chienet ta' min jitgħaxxak biha tasseŭ. Saru xi discorsi sbiħ m'il Presidenti Lanzon u Inglott u il giogdifogu irnexxa ferm.

Il Patrijiet Conventŭali ħakkhom min ijfaħħarhom tasseŭ talli għarfu jagħmlu festi hecc sbiħ li bihom taŭ pjacir lil cullħadd.

★

F'il Cnisja ta'l Erŭieħ ta'l Belt għamlu faċċata ġdida ta' rħam fl-artal ta' San Nicola li intgħoġbot ŭisk. Ix-xogħol sar fl-istabiliment ta' Cesare Darmanin ta'l Ħamrun u irnexxa ŭisk u għalhecc ħakku tifħir ma'l Procuratur De Brincat li tħabat biex saret dina il biċċa xogħol sabiħa u li ħaddem biha il maltin.

★

Għarrfuna li il Pulizija kiegħda iddur id-djar biex tiġbor taxxa ta' zeŭġ xelini u sold fuk cull chelb li issib. Aħna għadna ma stħarriġniex seŭŭa b'liema dritt il Pulizija kiegħda tagħmel dan, biss jidhirli li il caċċaturi ma għandhomx ijħallsu dina it-taxxa għaliex huma ġa kiegħdin ijħallsu nofs lira f'is-sena ta's-sensja u jidhirli li il chelb jidħol f'dic is-sensja għaliex x'jisŭa li il caċċatur ijmur għal caċċa bla chelb. Mela la il chelb hu biċċa għodda meħtieġa ta'l caċċatur għandu jidħol f'is-sensja li jħallsu. Barra minn dana jħallsu ucoll xelin u sold ta'l midalja u dan jidhirli li hu b'iż-żejjed. Hemm bżonn li xi ħadd m'il Cunsiljieri il ġodda jieħu ħsieb d'it-taxxa li saret u li jara seŭŭa x'raġunijiet hemm biex il Gvern ħarigħa bla il parir ta'l Cunsiljieri ta'l poplu. Għad nitħaddtu.

★

L-iscola li chien ijmixxi tant tajjeb is-Sur Achille Cesareo ta' Piazza San Giovanni, 103, il Belt ħaduha f'idejhom ftit żgħażaħ li huma fjur ta' intelligenza u ta' ħila u li billi għamlu il corsi tagħhom fl-Università jeŭ fi schejjel oħra m'il aħjar jafu tasseŭ x'igifieri tgħallem u tmixxi iż-żgħażaħ il kuddiem. Cullħadd jaf li Dun Ġŭann Gauci, B. Lit., D.D; Dun Gużepp Darmanin, B. Lit. D. D; u Dun Gużepp Psajla Cumbo D.D.B.L. Can. J.C.L. (Ruma) huma m'hux biss tlieta m'il actar kassisin intelligenti li għandna iżda ġa mħarrġa bħalha surmastrijiet f'is-Siminarju, jeŭ għand Savona, jeŭ il Liceo, jeŭ għand Flores jeŭ għand il Giżŭiti ta' S. Giljan u għalhecc ma nafx xi qualitajjiet jista jcollhom aħjar biex ijgħallmu. Jiena kiegħed infaħħarhom għaliex nafhom seŭŭa m'il krib u naf x'jisŭeŭ. Ma daŭn hemm ucoll is-Sur Prof: F. G. J. Low, ta' ħila ucoll u is-sur Bellia li chien ilu tmien snin assistent ma's-Sur Cesareo. Il miżata hi ħelŭa ħafna: minn ħames xelini il fuk. Missierijiet tħajjru għax ma jibdielcomx sgur.

Krajt bi pjacir cbir ir-Rapport li għoġbu jibgħatli it-Tabib intelligenti Carlu Manchè B. A. ta'l curi ta'l għajnejn li saru fl-Istitut ta'l Ħamrun f'is-sena li għaddiet; għaliex minnu rajt li actarı m'id-disgħin f'il mija ta'l operazzjonijiet u il curi li saru irnexxeŭ b'ŭiċċ il gid. U ma jistax jonkos għaliex il ħila ta l Prof: Lorenz Manchè hi magħrufa m'hux biss ma' Malta collha iżda Barra ucoll; u hecc kiegħda tixxerred dic ta' ibnu Carlu, li studja fl-Inghilterra u fl-Italja u li dan l-aħħar f'il Congress għamel figura sabiħa ħafna. Dana l-Istitut hu vera barca għal dana il pajjis u għalhecc nixtiekulu cull risk li jibka jimxi il kuddiem b'ir-rieħ f'il kalagħ chif beda. J'Alla.

★

It-Teatru Rjal tagħna jiftaħ is-Sibt, l'it-tlietin ta' Ottubru. bl-Aida. *Primidonni*, għa'l d'is-sena, is-Sur Arpa gieb lil Fassino Ida, Guerusey Charlotte, Ravaglia Giuseppina (ta's-sena l-oħra) u Toninello Ester. *Mezzosoprani*: D'Asco Rita u Carvalho Irene. *Tenuri*: Pazzi Enrico u Secchi Angelo. *Baritoni*: Alverà Virgilio u Belletti Cav: Attilio. *Baxxi*: Roveri Gaetano u Tondini Cesare. *Tenur Comprimarju*: Bacci Egidio. *Direttur ta'l Orchestra*: il Cav: Uff: Augusto Poggi (ta' kabel).

Bħalha opri ġodda ta'l Istaġun sejjer jati iċ-*Chatterton* ta' Rugg: Leoncavallo, u l-*Ornella d'Abruzzo* ta'l Cav: Poggi.

Billi s'issa għadna nafu ftit ŭisk fuk l-artisti li gieb is-Sur Arpa il kuddiem għad nitħaddtu aħjar.

★

Billi jiena gejt m'is-safar l-Amministrazzjoni ta'l gazzetta arġajt ħadtha f'idejja. Ingħarraf ucoll lil daŭc li bagħtu il gazzetta l-ura li huma padruni jagħmlu hecc chemm ijridu iżda li jcollhom ijħallsu it-tieni sena sħiħa billi ħadd ma jista jitlak m'il gazzetta ħlief billi javża lili għallankas ħmistax il ġurnata kabel tidħol is-sena l-oħra. Ħemm bżonn li x'uħud jifmhu ucoll li il ħlas jagħmluh biex jieħdu il gazzetta u m'hux biex nicru il fehma tagħna magħhom u lankas biex jisserveŭ b'il gazzetta għal personalità tagħhom. Lil daŭc li issieħbu ġodda nibgħatilhom, ma indumx, in-numri ta' kabel.

★

Fraħt meta krajt li il Cnisja ta San' Alfonsu ta'l Ŭied ta' Birchircara reġgħet fetħet. Dic il Cnisja, b'daŭc il patrijiet ħabrieca li hemm, hi vera barca għal dac ir-raħal u naħseb li in-nies collha ta' hemm fehmu chemm huma ta' min ijgħożżhom daŭc il ħafna patrijiet mimlija tieba u ħrara f'iż-żmien li geu imċaħħdin m'il cnisja tagħhom.

Ix-xogħol irnexxa ferm taħt it-triegija ta' tnejn m'il aħjar periti li għandna f'Malta: A. Grima u S. Sacco u li sar m'il imgħallem Mastru Pì Ebejer; u għalhecc daŭc collha li ħarġu il flus għal dina it-tisŭija ma nistgħux ħlief natuhom cliem ta' tifħir m'il kiegħ ta' kalbna.

★

Billi Mons: Panzavecchia jinsab marid, u jien sfirt, u it-Tabib u in-Nutar Cauchi chienu imħabbtin bl-elezzjoni ix-xogħol ta'l Cumitat « Pro Cottonera » stalla; iżda malli, chif nixtieku b'kalbna collha, Mons: Panzavecchia jitjieb incomplu naħdmu għal gid ta't-Tliet Ibliet.

★

Jecc hemm minn żagħżuħ sa tnejn li jridu jitgħallmu f'il għaxija l-Esperanto *b'xejn* ichellmuni.

# IL FAMILJI MALTIN.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

## Mons: LEONARDU ABELA.

Dana chif ġa għedna tŭieled minn familja nobbli ħafna, biss għadna ma sibniex fejn billi ma jgħidux lankas il Mifsud f'il « Biblioteca Maltese » tiegħu. Iżda ŭisk naħseb li tŭieled il Birgu billi hemm chienet tgħammar actarx il familja Abela. Dana irnexxa ħafna fl-istudju u m'hux biss ħa il-laŭrja f'it-Teologija iżda f'il-Ligi u coll, u għal għerfu gie maħtur Canoncu ta'l Catidral fl-1566; u bħal ma jgħarrafna l-Abate Costanzo f'is-« Serie Cronologica de' Canonici di Malta » ħa il Prebenda ta' Santa Vennera u ta'l Baccari. Ŭara ftit laħak Vigarju Capitolari billi miet Mons: Royas, dac li chien sar Iskof ta' Malta u li chif ijgħarrafna iċ-Ciantar chien ħa sehem f'il Concilju ta' Trentu annom ta'l Cavalieri ta' S. Gŭann. U tant mexxa tajjeb id-Djocesi b'għaklu, b'għerfu u bi tjubitu li il Papa Ghirghor XIII bagħatlu Brevi f'il għoxrin ta' Ġunju 1578 li bih seddku f'is-setgħa bla ma talab hu.

Meta, fl 1582, mar Ruma u il Papa ra m'il krib għerfu u tjubitu ħatru minnufih Iskof ta' Sidonja *in partibus*; iżda billi dana Abela chien jaf tajjeb b'il Għarbi, b'is-Sirjacu, b'il Caldajc u b'il Copti il Papa bagħtu Nunzju Apostolicu f'is-Sirja, f'il Mesopotamja, fl-Assirja, fl-Egittu u fi nħaŭi oħra ta'l Lvant bħal ma jgħarrafna il Brevi mogħti f'it-30 ta' Ottubru 1582. Telak minn Ruma f'it-12 ta' Marzu 1583 u ŭasal Aleppo f-Lulju ta'l istess sena. Minn haŭna naraŭ chemm chienu jdumu jbaħħru in-nies f'daŭc iż-żmienijiet biex jaslu minn pajjis għal ieħor; u dana il vjaġġ li għamel Mons: Abela u li illum ma nifhemx li jieħu actar minn gimgħa jeŭ għaxar t-ijiem fihu ħadlu ma'l erba xhur. Ŭara tliet snin taħbit li fihom għamel ħafna gid raġa mar f'Ruma, iżda sab lil Papa Ghirgor XIII, li chien ijħobbu hafna, mejjet billi chien miet sentejn kabel. Sistu Ħamsa laħak ŭara Ghirgor XIII, u dana meta għaraf chemm bata u chemm tħabat f'il Lvant Mons; Abela ħatru bħalha Vicigerent ta'l Belt ta' Ruma b'is-setgħa li jagħmel Pontificali u tah il Protettorat għal dac collu li għandu x'jaksam ma'l ġnus ta'l Lvant eollha. Ŭieħed m'is-sacerdoti li ordna hu (chif ijgħarrafna Dom: Magri, kassis għaref malti) chien Matteŭ Barberini li ŭara laħak Papa bl-isem ta' Urbanu Tmienja. Dana Domenicu Magri jgħarrafna ucoll li f'il Cnisja Lateranense ta' Ruma hemm chitba minkuxa li tgħid li għal meriti cbar tiegħu m'hux biss il familja Abela iżda tlieta oħra (Placidu Alessandru De Ferro, Ascanju Surdo u Paŭlu Testaferrata) geŭ magħduda ma'n-nobbli Rumani u li il familja Testaferrata chellha hemm f'Ruma ŭieħed m'il capijiet ta'l belt. Dana insibuh ucoll mictub f'id-*Diploma Senatoriale* ta' Ruma ta'l 1590 u li tiegħu għandna copja f'il Biblioteca. Il Commendatur Del Pozzo, fl-Istorja ta'l Cavalieri li ħallielna, taħt is-sena 1586, ijgħidilna li chien gie għal xahrejn biex jara lil pajjisu u lil niesu u li il Gran Mastru żammu chemm il darba jiecol fuk il mejda miegħu.

Dana miet f'Ruma, f'it-12 ta' Mejju ta'l 1605 ta' 64 sena, u gie midfun f'il Basilica ta' S. Ġŭann Lateran b'iscrizzjoni li tfaccar f'għerfu u fi tjubitu.

Dana ħalla « *Relazione della Nunziatura presentata al Pontefice Sisto V.* » u li chellu copja tagħha il Commendatur Abela karibu; u xi Relazionijiet oħra fuk il Lvant. Robertu Mireo jgħid li chien « *idiomatis Arabici peritissimus* » igifieri li chien jaf b'il għarbi tajjeb ferm; u dana il chittieb ijżid ucoll « *quod in ea Insula est vernaculum* » igifieri li f'Malta f'dac iż-żmien conna nitħaddtu b'il għarbi, sball li ħa dana il chittieb billi il malti jixbah ħafna lil għarbi.

Il Commendatur Abela jgħidilna li chiteb ucoll Grammatca ta'l Ilsien Għarbi u xi tagħlim fuk il Lingŭa Caldajca. Faħħru ucoll il Canoncu Frangiscu de Errera fl-*Istoria Orientale* fejn kal li Mons: Abela għinu ħafna fiha. Faħħru ucoll ħafna il Patri Pelaġju, malti, meta chiteb fuk l-Iskfijiet Maltin.

Dana jurina b'iċ-ċar li il Maltin m'hux biss f'pajjishom iżda Barra ucoll jimxu il kuddiem u jakilgħu gieħ għalihom, għal demmhom u għal dina il Gżira maħbuba tagħna.

(*Jissocta.*)

---

**Il Bull-Dog** « Rodney Stone » ta' Richard Croker chien imbigħ elf lira. Issa iċ-« Chineham Young Jack » ta' Mr: Cannon u li s'issa rebaħ erba mitt premju, xtraħ Mr. J. Cooper Mott ta' New York b'elf u ħamsin lira. Mr: Ginnett, f'Londra, da'l ġranet xtara pony b'mitejn u tlietin ghinea.

**Dr: Alabone,** fl-Inghilterra, sab cura għal mard-ta's-sider (tisi) imkar ijcun ilu u kiegħed jakla ħafna certificati minn ħafna tobba tajbin.

**F'il Messicu** għadha chif spiċċat causa li chien ilha miexja għal tliet mija u erbgħin sena u chienet fuk il-limiti ta' żeŭġ irħula; u in-nies ta' daŭna tant saħnu li geŭ li tkatlu flimchien. Katt ma jiftacru li f'id-dinja caŭsa oħra damet miexja daks hecc.

**Min jimbrolja Banc** dari fl-Inghilterra chienu jgħallkuh. L-aħħar ŭieħed li neħħeŭ fuk hecc chien Henry Fountleroy, fl-1824, li barax ma't-tliet mija u sittin elf lira minn Banc li chien sieħeb fih.

**J. A. Brenton** x'ħin chien jistad f'il Florida ta'l America ŭaħħal ħuta cbira li irmuncat id-dgħajsa li chien fukha għal sitt mili bogħod minn fejn ŭaħħalha. Ŭiżnet 155 libbra. Lil C. R. Scudder darba ħuta mexxietu għoxrin mil sa kabadha f'ix-xtut ta'l Californja u chienet tiżen fuk kantar.

**Joseph Anderson** ta' St. Louis, fl-America, ilu jorkod għoxrin sena b'għajnejh miftuħa. Dana ġara billi mardulu għajnejh b'it-trab ta'l gir li chien jakta f'il barriera fejn chien jaħdem.

**Wilkie Collins,** il famus romanzier ingliż, darba marad b'ir-reŭmatismu f'għajnejh u dam tmien xhur sħaħ ŭiċċu l-isfel fuk sodda bi driegħu taħt għajnejh u mifni b'ugiegħ cbir. Ma tul dina il marda chiefra iddetta l-isbaħ romanz tiegħu « The Moonstone. » Meta fiek baka cortavista.

**Fuk il crietel jeŭ fliexchen ta'l birra** xi dakkiet taraŭ numru li forsi ma tafux x'ijfisser. Dac juri il ġurnata meta chienet ibbuttiljata dic il birra u trid takrah b'il maklub hecc. Jecc in-numru, per esempju, hu 90241 trid takilbu 14209 u allura jfisser l-14 ta't 2 xahar ta'l 09 sena; igifieri il birra giet ibbuttiljata fl-erbatax ta' frar 1909.

— Peppinu, x'fettillec li tieħu lil dic il fonkla ta' omm martec miegħec Napli?

— Cens, mela inti insejtu il proverbju taljan « vedi Napoli e poi mori. »



# Chif tgħix mitt sena.

Il għaref Tabib Paolo Mantegazza chiteb ħafna cotba sbiħ biex ijgħallem chif ŭieħed għandu jibża għal saħħtu u li fl-Italja jinkraŭ u jitfittxu ŭisk. Ŭieħed minnhom hu !-« Arte di Campar Vecchi » li tiegħu sejjer niġbrilcom is-sugu fi ftit cliem biex titgħallmu tibżgħu għal dic is-saħħa li minngħajra ma tistgħu issibu l-ebda hena f 'id-dinja.

— Il chelb jixjieħ ta' tlietin sena; il bergħud ta' tmien xhur.

— Hemm infusorji (dac id-dud li taraŭ jakbeż fl-ilma) li jgħixu biss għal ftit siegħat u siġar li jgħixu mijiet ta' snin.

— Actar ma l-annimali jfakksu ħafna actar il ħajja tagħhom hi kasira, u Allaħares ma chienx hecc għaliex chienu jiżogħdu id-dinja f 'kasir żmien u jmut cullħadd b'il ġuħ.

— Il *zoothamnium* cull sagħtejn jinkasam f 'żeŭġ annimali oħra.

— Il *vanessa cardui* (farfett) tista tgħix erba snin; iż-żrinġ, scond Grinder, ijgħix sa sittax il sena. Il pappagalli jŭasslu sa mija u għoxrin. Il baliena sa erba mitt sena; l-il-junfant sa ħames mija. Il gemel mija; l-iljun sa ħamsin; il kattus sa tmintax. Hemm siġar bħal l-Adansonja li jŭasslu ħames t-elef sena.

— Il bniedem illum ijŭassal sa 150 sena jeŭ xi dakkiet rari ftit actar. Thomar Parr, li nafu sgur chemm għiex, laħħak 152 sena u disa xhur, u għaldakstant difnuħ f 'Westminster Abbey.

— *We cannot live both fast and long* (Richardson).

— L-Egizzjani chienu jifhmu li meta joħroġ il għarak minnhom u jirrigettaŭ seŭŭa għandhom ijgħixu ħajja tŭila; u meta chienu jiltakgħu f 'it-triek il *Chif int?* tagħhom chien ijcun: *Irrigettajt tajjeb? Gherekt tajjeb?*

— Il Grieghi chienu jifmuha aħjar għaliex biex ijgħixu ħajja tŭila chienu jfittxu l-arja safja, il ħasil, u fuk collox il ġannastca u il massaġġ. Erodicu chien jemmen b'il ġannastca ŭisk u il għaref Platone darba ċanfru li biha żamm ħajjin ħafna nies li ma chienu jisŭeŭ għal xejn.

— Il għaref Plutarcu chien ijżomm dejjem rasu frisca u riġlejh sħan, ijsum sicŭit, u ma jitbakbak għal xejn.

— B' *gerocomica* it-tobba antichi chienu jifmu meta biex ix-xjuħ ijgħixu ħajja tŭila chienu jżommu krib lejhom ix-xbejbiet b'saħħithom. F'il Bibbja għandna il fatt ta' David u is-Sulamita; u it-Tabib Cohausen kal, f 'il bidu ta dana is-seclu, fl-opra li chiteb « *Ermippus Redivivus* » li biex tgħix ħajja tŭila hemm bżonn li tfajla b'saħħitha tonfoħloc f 'ħalkec darba cull filgħodu u oħra cull f 'il għaxija! L-istess ħaġa kal it-Tabib Naplitan Salvarese f 'il ctieb tiegħu : « *Della salubrità degli aliti giovanili rispetto ai corpo vecchi;* » u fi ctieb ieħor ta' aŭtur bla isem : « *Della salutare inspirazione* » insibu l-istess ħaġa; u il Hufeland li chien bniedem serju u xjenzjat ijgħid fl-opra tiegħu « *Sull'arte di prolungar la vita* » li dana il metodu ma hux ta' min jiscartah chif gieb u laħak.

— Paracelsu, xi elf sena ilu, kala flus chemm ried hu billi chien ijbigħ is-*solfo vegetale* biex ijtaŭŭal il ħajja sa sitt mitt sena! Iżda hu ma għixx ħlief tmienja u erbgħin! U frattant chienu jużaŭħ sa's-Slaten u sa'l cbir filosofu Erasmu.

— Ruġgieru Bacone chien jemmen ħafna li meta ŭieħed jieħu bħalha medicina id-deheb ijgħix ħajja tŭila. Il-lum id-deheb kiegħdin jużaŭħ, u irnexxa ħafna, bħalha medicina f 'il mardijiet nervusi. Dana Bacone ivvinta il « Liquore d'Oro » li scond ma kal hu, lil Contissa Desmont għejjixha 140 sena, tellgħilha tliet darbiet snienha u darbtejn xagħarha u li chien jieħu minnu sa'l Papa Nicol Erbgħa!

— L-astrologi chienu jistudjaŭ il cŭiecheb biex jitgħalmu chif għandhom ijgħixu ħajja tŭila u il famus Thurneisen stagħna b'hecc u sabulu sa ittri ta'r-Regina Elisabbetta ta'l Inghilterra. Bosta chienu jużaŭ it-talismani biex ijħarsuhom m'it-tiġrif u b'hecc ijtaŭŭlu ħajjithom.

— Sa ftit snin ilu certu Graham ivvinta sodda li biha kala minn fuk spallejn il boloħ ħafna flus. Min chien jorkod f 'dana il « *Letto celeste* » chien m'hux biss, kal hu, ijtaŭŭal ħajjtu iżda jħoss ruħu żagħżuħ m'il ġdid! Il mitraħ chien fih macna elettrica u ħafna ħŭaŭar kaŭŭija.

— Oħrajn fehmu li meta jixjieħu u jikdiemu id-demm jinħtieġ li jbiddluh billi jdaħħlu f 'locu id-demm ta' xi annimal żagħżuħ u b'saħħtu. Għalhecc fl-antic chienu jifsdu spiss biex, chienu jifhmu imkarrkin huma, jnaħħu id-demm ħażin.

— Xi xjuħ għonja chienu jixtru id-demm ta'ż-żgħażaħ u jferrgħuh f 'il vini ŭara li jisvojtaŭ demmhom! Dina il ħaġa insibuha imsemmija sa' f 'il poeta latin Ovidju. Lill Papa Innocenzu Tmienja uieħed tabib lhudi ferragħlu id-demm ta' tliet żgħażaħ b'saħħithom.

— Maupertuis kal li il ħajja titŭal b'il għass; f 'il ħin li jecc hemm ħaġa f 'id-dinja li tgħarrak l-actar is-saħħa hu il għass! U Franklin kal xi ħaġa bħal din ucoll u insibu li Valli fehimha actarx bħalhom f 'il ctieb tiegħu « *Quadro di un opera sopra la vecchiezza.* »

— Il Conti ta' Saint Germain ivvinta *it-te ta'l ħajja*; il famus Cagliostro, li chien gie f'Malta, ivvinta l-*elisir ta'l ħajja* u l-impostur u ċarlatan l-ieħor De l'Orme ivvinta il *bouillon rouge* u karrku b'ħafna nies biex ximculhom ħafna flus.

* * *

Sa haŭn tajna dakka ta' għajn biex rajna l-antichi fejn fittxeŭ ir-rimedju biex ijtaŭŭlu il ħajja. Ingħaddu issa għal żmienijiet actar krib lejna ħalli naraŭ chif fehmu l-affari in-nies xjenzjati ta's-secoli tagħna.

— Cornaru, li gebbed mitt sena, kal li jecc trid tgħix ħajja tŭila ma trid tagħmel svarjuni ta' xejn, u chellu raġun biex ijbiegħ.

— Iżda l-eŭŭel ŭieħed li chiteb l-eŭŭel opra serja fuk il *macrobiotica.* igifieri ix-xjenza li ittaŭŭal il ħajja, chien Hufeland. ŭieħed m'il l-actar tobba għorrief ta' żmienijietna (1800).

Dana chien l-eŭŭel ŭieħed f 'il Germanja li ried li il mejtin ijħalluhom xi żmien kabel jidfnuhom; ħambak ħafna għa't-tlakkim ta'l gidri; ħareġ gazzetta ta'l medicina; u għal għeriu chien tabib ta's-Sultan ta'l Prussja. Dana dejjem ħakkak fuk il « *Mens sana in corpore sano* » igifieri li għandec titgħallem ħafna bla ma tgħarrak saħħtec.

— Snin ilu l-Università ta' Oxford tat premju lil Ray Lankaster talli chiteb l-isbaħ ctieb fuk dina il ħaġa, li jismu « *On comparative longevity in man and the lower animals;* » u ctieb ieħor sabiħ ħareġ fl-America J. G. Richardson « *Long* « *life and how to reach it* » li faħħruh ħafna.

— Dari it-tobba meta chienu jmorru jaraŭ xi marid li chien ijcollu fuku xi marda li tittieħed chienu jomogħdu it-teŭm jeŭ il fejgel bħalha disinfettant! Hecc chien jagħmel il famus De l-Orme, tabib ta' tliet Slaten ta' Franza!

— Il Mantegazza ŭara li studja il ħajja u l-opri ta' De l-Orme u ta' Cornaro biex jara x'chien li ŭassalhom li għixu mitt sena, jgħid li sŭielhom ħafna li ma għamlux svarjuni u li katt ma tfettetu għal xejn. L-inqŭiet hu sadid li jiecol il gisem.

# IS-SAHHAR FALZUN.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

Is-Sur Kalamias fehmu u il Baruni ucoll. Daûn kamu, kalu li daħal il-lejl ġmielu u li chienu għajjienin u għalhecc chienu sejjrin jinġabru biex jistrieħu ftit.

Marija u Ambroġ ûassluhom sa ras it-taraġ f 'il ħin li kalulhom li ma għarfux chif jibdgħu jirringrazzjaûhom ghal dac collu li għamlu u li ûakfu magħhom. Rusanna, biex tcompli, niżlet tûassal, id f 'id, lil Gaûci sa'l eûûel indana, u il coll bakgħu li l-agħda chellhom jergġħu jaraû lil xulxin il Catidral biex jisimgħu flimchien il kuddiesa ta'l mejjet.

Meta Rusanna reġġħet daħlet f 'is-sala sabet lil Marija imgħannka ma' Ambroġ, issabbru m'il aħjar li tista, b'id-dmugħ f 'għajnejha. Ambroġ chien kiegħed ijmellsilha, b'imħabba cbira dac id-dliel isûed li, imħabbel, chien jinfirex sa nofs daharha.

Ûara ftit dar lejn oħtu u kallha :—

—« Rusann, Marija illum ġarrbet hemm bla tarf u int ucoll.... nistħajjel li ûkajtu borra bħali b'il għali u b'il għeja; m'hux aħjar tiġborha miegħec f 'camartec u taraû tieħdux għamża ?... naħseb li sar nofs il-lejl b'ommu u missieru... »

—« U int ? » staksietu imfixcla Marija « raġa ħiereġ ? ...»

—« Le Marija » ûiegibha b'leħen micsur Ambroġ « lankas chiecu irrid ma niflaħ... illum nakkast għoxrin sena minn ħajjti... inħossni xjeħt f 'dakka... jien se'r nokgħod ftit haûn sa jigi l-ingħas biex nitla nistrieħ bħalcom f 'camarti... »

U chif kallha hecc gibidha mn'idha, biesha fi ġbinha u x'ħin għafsilha idha kauûi ġo idejh kal l-oħtu: « Il-lejl it-tajjeb... ħu ftit ħsiebha... »

Marija biesitu fuk ġbinu, siltet idha minn ġo idejh u x'ħin sellmulu telgħu t 'camret Rusanna. Marija inxteħtet fuk l-eûûel pultruna li sabet, ħbiet ûiċċha bejn idejha u infexxet tolfok u tgħid :—

—« X'ġurnata ta'l infern chienet din għalija... il-lejl l-ieħor għal xagħra ħlist m'id-dûiefer ta' dac il misħut Cavalier... da'l għodu tlift l-ommi u lil missierec li chien ijħobbni bħal bintu... tlift lil Carmena ucoll li cont inħobbha daks oħti... u issa ûisk kiegħda nibża li f 'xi fitla ma' De Saqueville nitlef lil Ambroġ ucoll... »

- « Xi trid tagħmel Marija » kabżet kalet Rusanna « jiena nħossni tlift għakli b'dana il għaûġ collu... iżda Alla m'is-sema kiegħed jara il hemm tagħna collu u jaf li ta' dan aħna ma għandna l-ebda ħtija...Tibżax Marija, cun af li ħlasu ma jsirx b'in-nhar ta' Sibt... Ambroġ m'hu xejn, nar ta't-tiben... u għada imberrduh chemm nistgħu... »

U x'ħin inxteħtu, chif chienu liebsin, it-tnejn fuk is-sodda, compleû jitħaddtu fuk Carmena, jtellgħu u jniżżlu fuk fejn chienet kiegħda tgħaddi dac il-lejl ħienja ma'l Cavalier bla ma taf, ħasbu huma, bl-imrar collu li seûûbet fukhom u b'il kirda ta'l Hachem.

Ambroġ chif sab ruħu ûaħdu, f'dic il ħemda collha, beca blinchejja li ma karmitx taħt snienu il kalb chiefra ta' daûc il misħuta; beca b 'il għali għal l-isem tiegħu imtabba u imżeblaħ kuddiem cull min chien jafu; beca għaliex tilef lil missieru u l-omm Marija li chienet tħobbu bħal binha... u b'dac isserħan ta' bichi ħass kalbu toħla u xtak li sata jkiegħed ûiċċu fuk ûiċċ Marija, li l-id safja tagħha setgħet tixxuttalu għajnejh u tmellislu leħitu... u imxaħxaħ f 'dina il ħolma xeûkana għajnu marret bih sa beda jżernak.

*(Jissocta.)*

# TEATRU MANOEL

IL ĦADD, 24 TA' OTTUBRU 1909

**ZEUG' RECITI**

**MATTINE'**

FL'4 TA' UARA NOFS INHAR

## BOHEME

VUDVILL—PARODIJA B'4 ATTI.

B'messa in scena mill'acbar-Cori, cumparsi, xeni ġodda u Banda fuk il Palc.

**FIL GHAXIJA**

FIT-8 U NOFS TA' BIL-LEIL

## RUY BLAS

VUDVILL—PARODIJA BI 3 ATTI.

Fiż-żeuġ reċti jeħdu parti Spiteri, Bartlu, Camilleri, Saliba, Vidal, Borg etc. etc.

IMPURTANTI !—Kabel ma ûieħed jemmen li ma jcunx baka fit-Tiatru postijiet għal bejh, għandu jinżel isaksi fil botteghin ta li stess Tiatru.

Il **Prof: TITU GUALDI, il** Cap ta's-Sanità ta' Ruma, u Principal fl-Isptarijiet ta' hemm kal :—

« Milli ippruvajt fuk il morda tiegħi il

**FERMENTIN**

hu **l-aħjar medicina** li sibt biex tfejjak **id-diabete, it-tracni** u il mardijiet l-oħra li jimxu magħhom. Il morda, billi jaraûħ jagħmlilhom il gid, jieħduh b'il pjacir u ma jitmeżmżux għal żmien tûil. »

Ġa la darba daûna il Professuri cbar colla, li ma jinxtraûx għa'r-reclam ijfaħħruh dakshecc intom li tinsabu morda b'id-**diabete** għala ma tippruvaûħx ?

Dar tajba għal żeûġ familji għal chiri f'Ta's-Sliema, Pjazza Sant'Anna, 5, b'il gas u l-ilma, ħdejn il Laneċ, L-imfietaħ fi Sda It-Torri, 7; għal ftehim il Belt, Sda Mercanti, 89, D. ħdejn S. Dumincu.



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûħ fukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħargu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. Θ. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# GHA'N = NERVUSI !

Meta tħossoc għajjien, kalbec seûda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaûûeġ f'il ħajja u tibchi jeû tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseû hemm medicina li tista tfejjakha jeû li tagħmillec ħafna gid hi

# L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ħa' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Fl-**Istitut ta's-Sur C. L. Borg,** ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, franciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerċ, ta'l Istorja, Calligrafija u Reliġjon.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**




**In-"Nahla" tistampa ruhha fi-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rokka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**